MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 310/2005

**Talba Nru: 310/05PBC**

**Jesmond Psaila**

**Vs**

**Buxom Poultry Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` elf erba` mija u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1,470.98c) u dan billi fil-11 ta` Gunju, 2003 u fis-16 ta` Gunju, 2003 l-attur biegh u kkonsenja lis-socjeta`

konvenuta li accettat, laham tat-tigieg skond il-fatturi kopji annessi ma` l-Avviz bhala Dok. A u Dok. B. Illi l-bilanc tal-prezz tal-bejgh fuq imsemmi dovut lill-attur mis-socjeta` konvenuta jammonta ghall-ammont mitlub fil-kawza u dan il-bilanc ma thallasx mis-socjeta` konvenuta nonostante li giet interpellata diversi drabi.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta li qalet li l-attur m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` konvenuta, kif jidher mid-dokument anness mar-Risposta bhala Dok. BP1. Permezz ta` din l-iskrittura privata ffirmata fl-20 t`Ottubru, 2002 is-socjeta` konvenuta dahlet fi ftehim ma` Flock Hatchers Company Limited u l-Koperattiva tat-Tjur Limited, u mhux ma` l-attur li huwa membru ta` din l-istess Koperattiva. Illi fil-fatt, fid-9 ta` Gunju, 2004 il-Koperattiva tat-Tjur Limited intavolat kawza kontra s-socjeta` konvenuta fl-ismijiet **'Koperattiva tat-Tjur Limited Vs Buxom Poultry Limited' Citazz Numru 423/04CFS** fejn it-talbiet tal-Koperattiva tat-Tjur Limited jinkludu t-talba ta` l-attur ghas-somma ta` elf erba` mija u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1,470.98c). Illi inoltre, fit-2 ta` Lulju, 2004 is-socjeta` konvenuta wkoll intavolat kawza fil-Prim` Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **'Buxom Poultry Limited Vs Koperattiva tat-Tjur Limited u Jesmond Psaila' Citazz Numru 482/04JRM**, peress illi solidarjament bejniethom huma debituri fil-konfront ta` l-istess socjeta` konvenuta fl-ammont ta` ghaxart elef, tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm10,850) in virtu ta` hlas ta` penali kontemplata fl-Artikolu 10.2 ta` l-iskrittura privata tal-20 t`Ottubru, 2002 fuq imsemmija. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-dokumenti esebiti.
Sema` x-xhieda ta` Jesmond Psaila, Mary Rose Baldacchino, Mary Grace sive Grace Cutajar u ta` Sebastian Briffa.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fl-20 t`Ottubru, 2002 gie ffirmat ftehim bejn Buxom Poultry Limited, Flock Hatchers Company Limited u il-Koperattiva tat-Tjur Limited fis-sens illi:

i. Il-Flock Hatchers Company Limited tipprovdi *one day old chicks* lill-Koperattiva.
ii. Il-membri tal-Koperattiva mbaghad jiehdu dawn it-tigieg u jrabbuhom u l-membri eventwalment jikkonsenjawhom lil Buxom Poultry Limited.
iii. Buxom Poultry Limited thallas lill-Koperattiva
iv. Il-Koperattiva thallas lill-membri ossija l-bdiewa li jkunu rabbew il-flieles.

Gara illi xi zmien bejn Jannar u Gunju tal-2003 beda jqum disgwit bejn il-partijiet Buxom, Flock Hatchers u l-Koperattiva u fil-fatt il-mertu tal-kawza jirrigwarda zewg konsenji ta` tigieg li l-attur ikkonsenja lil Buxom Poultry Limited u li din l-istess socjeta` la hallset lilu u lanqas lill-Koperattiva.

Is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma` l-attur stante illi r-relazzjoni taghha hija mal-Koperattiva u jekk ghandha taghmel xi hlas ghandu jsir lejn il-Koperattiva izda qed tikkontendi li m'ghandha thallas xejn lill-Koperattiva billi l-istess Koperattiva kienet inadempjenti fl-obbligi taghha kuntrattwali u hija debitrici lejn l-istess Buxom Poultry Limited ghall-ammont ferm superjuri ghal dak mitlub fil-kawza odjerna tant illi hemm anki kawzi pendenti bejn il-Koperattiva u l-Buxom Poultry Limited li jissemmew fl-atti tal-kawza.

Da parti tieghu l-attur jikkontendi illi l-konsenji mertu tal-kawza odjerna ma jinkwadrawx ruhhom fil-ftehim fuq imsemmi stante illi huwa gie nfurmat li l-imsemmi ftehim gie mitmum u li l-konsenja in kwistjoni kienet saret rizultat ta` ftehim li hu ghamel direttament mas-socjeta` konvenuta u ghalhekk jikkontendi li huwa ghandu jithallas direttament mis-socjeta` konvenuta wara li jnaqqas mill-

valur tat-tigieg hekk ikkonsenjati, l-valur tal-*one day old chicks*.

Dwar ammonti m'hemmx kwistjonijiet bejn il-partijiet u l-vertenza proprja bejn il-partijiet hija jekk il-konsenja mertu tal-kawza hijiex wahda li tinkwadra ruhha fil-ftehim tal-20 t`Ottubru, 2002 jew le.

It-Tribunal kellu l-opportunita` li jisma` l-partijiet protagonisti fil-vertenza u huwa tal-fehma illi jirrizulta ppruvat illi l-konsenja mertu ta` din il-kawza ma kienetx konsenja rizultat tal-ftehim tal-20 t`Ottubru, 2002 izda saret wara li l-attur gie nfurmat li l-imsemmi ftehim gie mitmum kif hemm miktub fl-Avviz li jinsab a fol 45 tal-process.

Issir referenza wkoll ghall-Ittra tal-25 ta` Gunju, 2003 a fol 43 tal-process miktuba minn Dr Simon Tortell ghan-nom ta` Flock Hatchers Company Limited u Buxom Poultry Limited lill-Koperattiva tat-Tjur Limited fejn ghalkemm jigbed l-attenzjoni tal-Koperattiva illi sabiex il-kuntratt fuq imsemmi jigi tterminat irid jinghata pre-avviz ta` sitt xhur, it-Tribunal huwa tal-fehma illi n-*notice* a fol 45 tal-process, li ma fihx data, jaghmilha cara li dan il-ftehim huwa mitmum u sahansitra hemm invit lill-bdiewa sabiex jaghmlu rabtiet kummercjali diretti ma` Borg Group of Companies li jikkomprendu kemm il-Buxom Poultry Limited, kif ukoll Flock Hatchers Company Limited u kumpaniji ohrajn.

It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi kull xoghol jisthoqq li jigi debitament kompensat.

Galadarba hemm kontestazzjoni dwar l-allegata penali dovuta mill-Koperattiva lil Buxom Poultry Limited ma jistax ikun hemm tpacija awtomatika u konsegwentement anki jekk ghall-grazzja ta` l-argument wiehed kellu jammetti illi xi ammont huwa dovut mill-Koperattiva lis-socjeta` konvenuta bhala penali, xorta wahda, l-istess socjeta` konvenuta hija tenuta sabiex taghmel il-hlas relattiv tat-tigieg provduti mill-attur.

B’danakollu, t-Tribunal jirribadixxi illi huwa konvint illi l-konsenja ta` tigieg mertu tal-kawza odjerna sar barra l-ambitu ta` ‘l fuq imsemmija skrittura privata u konsegwentement galadarba huwa hekk, dan ifisser illi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta ghandhom jigu respinta stante illi tezisti relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta u li l-istess socjeta` konvenuta galadarba hadet it-tigieg, ghandha l-obbligu li thallas lill-istess attur.

Inoltre s-socjeta` taghti x’tifhem li l-attur, bhala rahhal, kien inadempjenti fl-obbligi tieghu billi kien hemm *short deliveries* f’konsenji precedenti. L-attur isostni li s-socjeta` konvenuta kienet inadempjenti ghaliex ma kienetx qed thallas fil-pront. It-Tribunal huwa tal-fehma li ghalkemm strettament dan l-aspett mhux relevanti ghall-kawza odjerna ghar-ragunijiet premessi, jidhirlu li huwa tassew relevanti li l-President tal-Koperattiva wkoll spicca biex ma thallasx mis-socjeta` konvenuta u sabiex jigi debitament kompensat spicca biex eventwalment wasal fi ftehim mas-socjeta` konvenuta biex flok hlas huwa jiehu prodotti ta` laham minn ghandha ghall-hanut tal-laham li ghandu iben l-imsemmi President. Kieku kien hemm flus certament dan il-bniedem, fil-vesti tieghu ta` President, kien jahseb ghal rasu u mhux jibqa` skopert ghas-somma ta` xi tmint elef lira Maltin (Lm8,000).

Finalment it-Tribunal jaghmel accenn ghax-xhieda ta` Jesmond Psaila fejn xehed illi minbarra l-konsenja mertu tal-kawza odjerna hemm konsenji ohra li ma thallsux illi ghalhekk jaghmilha cara illi din is-sentenza qeghda thalli impregudikat ghall-partijiet kollha relattivi l-vertenza dwar il-konsenji li m’humiex mertu tal-kawza odjerna w anki qed ihalli in pregudikata l-kwistjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta dwar l-imsemmija penali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta jiddikjara li t-talba attrici tirrizulta sodifacentement ippruvata u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` elf erba` mija u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu

(Lm1,470.98c) bl-ispejjez u bl-interessi mis-16 ta` Gunju, 2003 (data ta` l-ahhar miz-zewg konsenji fuq imsemmija). Ghar-rigward ta` konsenji ohrajn, id-drittijiet tal-partijiet *si et quatenus* qeghdin jithallew impregudikati kif ukoll qeghdin jigu mhollijin impregudikati d-drittijiet kollha tas-socjeta` konvenuta fil-konfront ta` l-attur u fil-konfront tal-Koperattiva tat-Tjur Limited *si et quatenus*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------